# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Awwissu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Parashkeva Ivanova**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Parashkeva Ivanova u detentrici tal-karta ta' l-identita' Bulgara No.644821868 u Numru Personli. 8207015350

1. Akkuzata talli f' 25 ta' Awwissu, 2016 ghal-habta ta' 19:45hrs gewwa tas-Sliema u fi bnadi ohra, ikkommettiet serq ta wallet minn fuq il-persuna li l-valur tieghu jammonta ghal €300, liema serq sar ghad-detriment ta' Theodoor Willem Anema detentur tal-karta t' identita No. 0078389(A) minn gewwa vettura ta' ghamla OTOKAR b'numru tar-registarzzjoni BUS-814 li kienet assenjata Rotta numru 13, li hu aggravat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u anki bil-valur li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94€) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37€).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semeght it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkusidrat

Illi l-imputata ammetiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Fil-kaz in ezami l-imputata giet Malta nhar l-24 ta' Awissu 2016, minghajr ma kellha post fejn toqghod u minghajr ma gabet effetti personali (imqar hwejjeg) maghha. Hija qattghet lejl fil-parkegg ta' l-ajruport u l-ewwel haga li ghamelt malli ccqalqet minn hemm (bil-karrozza tal-linja) kien li tisraq il-wallet ta' persuna li kienet riekba f'l-istess karozza tal-linja. Ir-reat in ezami huwa wiehed li qed isir komuni hafna f'pajjizna, pickpocketing minn persuni barranin li jigu Malta ghal ftit granet, apparentment minghajr mezzi[1] biex jghixu lilhom infushom u minghajr ma jkollhom post fejn joqghodu. F'dan l-isfond l-ufficjal prosekutur insistiet li l-piena kellha tkun wahda ta'prigunerija effettiva. L-abbli avukat difensur min-naha l-ohra tenna li l-imputata, li hija tqila bir-raba wield taghha u li ghandha fedina penali (f'Malta) netta, m'ghandhiex thallas ghal reat simili kommessi minn persuni ohra fil-passat jew dak li forsi jista' jigri fil-futur; hu tenna li hija ghandha thallas ghal ghemilha u ghemilha biss u li ghalhekk sentenza sospieza kienet tkun aktar ideonea.

Illi huwa ben satbbilit li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi*

[1] Il-Qorti tghid apparentement ghaliex ghalkemm ma jkollhomx flus fuqhom, flus biex jixtru l-biljett ghall-vjagg b'l-ajruplan ikollhom.

*skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[2]

Illi tenut kont ta' dawn l-principji u tenut kont tal-frekwenza li biha qed jigu kommessi dan it-tip ta' reat l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' s-sottomissjoni ta'l-ufficjal prosekutur u timponi piena karcerarja. Dwar is-sottomissjoni tad-difiza li l-imputata hija tqila l-Qorti tirrileva li l-istess imputata ma ddejjqitx tigi Malta fic-cirkostanzi li hija kienet tinstab fihom u lanqas iddejjqet tigi minghajr ma jkollha post fejn toqghod u anke qattghet lejl f'parkegg.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270 u 217(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sittax il-xahar prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[2] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.